MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Numru 79/2012

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR RODERICK ZAMMIT**
**KONTRA**
**JUSTIN FARRUGIA**
**JAMES LONG**
**OMMISSIS**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Justin Farrugia ta' 20 sena, bin Carmel u Maria Dolores nee' Aquilina, mwieled Pieta' 2 ta' Ottubru 1991, residenti 30, Suq Bonnici, Bormal u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 494991M;

U

James Long ta'31 sena, bin Henry u Maria Lourdes nee' Borg, mwieled Pieta 23 ta' Gunju 1980, residenti Binja tal-Gvern flt 16, Triq il- Mithna, Bormla u detentur tal- Kartra tal- IDentita' bin- numru 304680M;

U

OMMISSIS

Li gew mressqa quddiemha sabiex iwiegbu ghall-imputazzjonijiet;

Lil Justin Farrugia u James Long wehidhom talli;
Bejn Settembru 2011 u Jannar 2010 gewwa l- Qasam Industrijali tal- Handaq, Qormi, ikkomettew serq minn fond tal- kumpanija C. Camilleri & Sons Ltd. ghad- danni tas-sidien u diretturi tal- istess kumpanija, liema delitt huwa kkwalifikat bil- mezz, bil- valur li jaqbez €2329.37 u bil-persuna;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputati irregistraw ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnhom wara li l-Qorti tathom zmien xieraq skont il-ligi sabiex jikkonsidraw sew din l-ammissjoni, u wara li l-Qorti wissiethom bl-aktar mod solenni tal-konsegwenzi li ggib maghha din l-istess ammissjoni;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza f'din il-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew l-involviment taghhom f'din is-serqa mil-post tax-xoghol taghhom, fejn huma serqu kwantita' ta' zokkor u bieghuh lil terzi. Il-Prosekuzzjoni

nfurmaw lill-Qorti li l-imputati kienu qed ighinu lill-Pulizija fl-istharrig taghhom, kwantu dan kien ser iwassal biex jittiehdu passi kontra terzi ohra nvoluti wkoll f'dan ir-reat. Il-Qorti ma setghetx tistabbilixxi l-entita' tal-valur tal-merkanzija hekk misruqa, sabiex tinkorpora l-hlas lura tal-valur tal-oggett misruq, u ghalhekk ma setghetx taghmel ordni ta' restituzzjoni fuq l-imputati favur id-derubati. Hija xi haga inspjegabbli ghall-ahhar kif persuni huma lesti jisirqu lil min jaghtihom xoghol, bhal qisu ghandhom xi dritt jiehdu prodott haddiehor u jaghmlu qligh minnu, minghajr ir-riskju kummercjali tan-negozju, izda bir-riskju hafna akbar li jmorru l-habs – jekk jinqabdu. Il-Qorti giet infurmata wkoll li l-kwalifika tal-mezz ma kienetx applikabbli ghall-imputat Long, u ghalhekk ser ikun hemm distinzjoni bejn il-piena ta' wiehed u dik ta' l-iehor. Tenut kont tal-ammissjoni bikrija taghhom u tal-ghinuna li ser jaghtu lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet ulterjuri taghhom, l-imputati jistghu jibbenefikaw mill-applikazzjoni ta' sentenza sospiza.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 42, 43, 261, 263, 265, 267, 268, 279 u 280 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib;

Lil James Long hati u ghaldaqstant tikkundannah tmien (8) xhur prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin ai terrminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Lil Justin Farrugia wkoll hati u ghaldaqstant tikkundannah senetjn prigunerija sospizi ghal erba (4) snin ai terrminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------